A.L. 27 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Statut I 21 — L-Istatut tal-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(h), 31(2) u 33(ċ) ta' dak l-Att:

1. B'dan qed jitwaqqaf l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi fl-Università ta' Malta.

2. L-Istitut għandu jkollu dawn l-għanijiet:

(a) li jgħallem u jmexxi riċerka fix-Xjenza Forensika (inkluża l-Mediċina Legali), Kriminoloġija, kwistjonijiet relatati ta' politika soċjali u oqsma simili ta' studju;

(b) li jservi bħala ċentru ta' risorsi biex jipprovdi esperti u esperjenza fid-diversi oqsma ta' attivitajiet tiegħu lill-Qrati tal-Ġustizzja u dan is-servizz jista' fejn ikun possibbli jiġi estiż lill-istituzzjonijiet, organizazzjonijiet privati u individwi kif il-Bord jista' minn żmien għal żmien jiddeċiedi; u

(ċ) li jservi bħala korp biex jagħti pariri lill-Gvern fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġustizzja kriminali.

3. (1) L-Istitut għandu jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

Chairman: Ir-Rettur jew id-delegat nominat tiegħu.

Viċi-Chairman: Id-Direttur ta' l-Istitut.

Membri: Persuna maħtura mill-Kunsill ta' l-Università għal tliet snin;
Persuna maħtura mis-Senat għal tliet snin;
Persuna nominata mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina;
Persuna nominata mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;
Persuna nominata mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja;
Persuna nominata mill-Bank tal-Maġistrati.

Il-Bord jista' jahtar mhux iktar minn żewġ persuni oħra ko-optati.

(2) Ix-Xogħol tal-Bord għandu jkun li:

(a) jfassal il-pjan ta' ħidma ta' l-Istitut biex jintlaħqu l-għanijiet msemmija hawn fuq;

(b) jissorvelja l-amministrazzjoni, finanzjarja jew mod ieħor ta' l-Istitut; u

(ċ) jiżgura l-kollaborazzjoni ta' l-Istitut ma' korpi oħrajn, lokali u barranin, b'mod li jwassal biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut.

4. L-Istitut għandu jkollu Direttur u *Staff* kif ġej:

(a) Id-Direttur, maħtur għal żmien tliet snin mill-Kunsill ta' l-Università wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(b) *Staff* ieħor akkademiku, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università bir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

(ċ) *Staff* ieħor tekniku, maħtur mill-Kunsill ta' l-Università bir-rakkommandazzjoni tal-Bord; u

(d) *Staff* ieħor amministrattiv u klerikali li jinħatru mill-Bord skond id-dispożizzjonijiet ta' l-istatuti u r-regolamenti ta' l-Università.

5. L-Uffiċjal Finanzjarju ta' l-Università għandu jkun it-Teżorier ta' l-Istitut. Id-Direttur għandu jipprepara l-estimi ta' kull sena, l-istqarrija finanzjarja u rapport ta' kull sena dwar l-attivitajiet ta' l-Istitut.

6. Kull membru ta' l-istaff ta' l-Istitut, li jiġi maħtur bħala espert tal-Qorti għandu dejjem jimxi skond il-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għal xi direttivi, ħlief dawk tal-Qorti li minnha jkun ġie maħtur, waqt l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt dik il-ħatra.

7. Emendi ta' dan l-istatut jistgħu jiġu proposti mill-Bord għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.